30 ta' Ottubru, 1953.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giuseppe Vella *versus* Giuseppe Mifsud

**Obligazzjoni — Delitt u Kwazi-Delitt — Danni — Kompetenza — Art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Ir-regola l-aktar aċċettata mid-dottrina u mill-ġurisprudenza l-lum hija dik illi d-dolo u n-negliġenza ma għandhomx proprjament indoli ċivili jew kummerċjali, imma huma vizji li minnhom att jew fatt ġuridiku jista' jkun akkompanjat; u l-indoli tagħhom hija ċivili jew kummerċjali skond l-indoli ta' dak l-istess att jew fatt li miegħu jattakkaw ruħhom.*

*Att magħmul minn kummerċjant huwa preżunt kummerċjali, anki jekk jikkonsisti f'fatt delittwuż, meta mill-att stess ma jkunx jidher li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ.*

*L-azzjoni għad-danni derivanti minn fatt illeċitu li kummerċjant jagħmel in konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ tiegħu hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li l-kontendenti jippossjedu żewġ barrieri kontigwi fil-kuntrada denominata "Irdum il-Ħmar", fil-limiti tal-Mellieħa, liema barrieri huma wżati biex minnhom jittieħed ir-ramel għal skop ta' kummerċ; u li l-konvenut, ripetutament u abużivament, daħal minn taħt il-barriera ta' l-istess konvenut u ħa kwantità ta' ramel mill-barriera tiegħu (ta' l-attur) għad-dannu ta' l-istess attur; u li l-konvenut, non ostante li ġie interpellat b'żewġ ittri uffiċjali, preżentati fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru 1952 u fil-15 ta' Jannar 1953, biex jaddivjeni għal-likwidazzjoni u pagament tad-dannu fuq imsemmi, baqa' li ma rrisponda xejn; talab li jiġu likwidati d-danni mill-istess konvenut lilu kaġunati fil-barriera tar-ramel fuq riferita, anki, għall-bżonn, bl-opra ta' periti nominandi, u illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont li jiġi likwidat, u dan bħala kumpens ta' l-imsemmija danni. Bl-imgħax legali mis-7 ta' Ottubru 1952, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk taż-żewġ ittri uffiċjali fuq riferiti, u sal-

va kwalunkwe azzjoni għal danni ulterjuri;

*Omissis*

Semgħet id-difensuri fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza;

Ikkunsidrat, dwar l-istess eċċezzjoni;

Illi bejn il-kontendenti ma hemmx kuntrast illi huma kummerċanti, u li l-barriera, ossija, ħjar, ir-ramel li jieħdu mill-barriera rispettiva, jużawh għall-kummerċ tagħhom;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut abużivament daħal minn aħt, mill-barriera tiegħu kontigwa, għal ġol-barriera tiegħu, u ħadlu, fi kliem ieħor seraqlu, kwantitá ta' ramel, u għalhekk huwa qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u r-riżarċiment tad-dannu li rriżenta bħala konsegwenza ta' l-imsemmi pretiż fatt delittwux tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar il-kwistjoni jekk obligazzjonijiet "ex delicto" jew "ex kważi delicto", kommessi minn kummerċjant a kawża u fl-eżerċizzju tal-merkatura, humiex kummerċjali jew le, il-ġurisprudenza għadha alkwantu diviża; ġie difatti ritenut li dik l-obligazzjoni hi kummerċjali, u ġie wkoll ritenut illi d-delitt u l-kważi-delitt jiġġeneraw dejjem azzjoni ċivili, anki jekk kommessi minn kummerċjanti fl-eżerċizzju tal-kummerċ;

Illi, però, jista' liberament jingħad illi l-lum ir-regola l-aktar aċċettata mid-dottrina u mill-ġurisprudenza hija dik illi d-dolo u n-negliġenza ma għandhomx proprjament indoli ċivili jew kummerċjali, imma huma vizji li minnhom att jew fatt ġuridiku jista' jiġi akkompanjat, u l-indoli tagħhom hija ċivili jew kummerċjali skond l-indoli ta' dak l-istess att jew fatt li miegħu jattakkaw ruħhom. "Il dolo e la negligenza non hanno propriamente indole civile o commerciale, ma sono vizi dai quali un atto o fatto giuridico può essere accompagnato, e che hanno indole civile o commerciale secondo l'indole degli atti stessi ai quali aderiscono (Cassaz. Napoli, 8 dic. 1909, Di Manto—Cioffi, Giuris. Ital., anno XII —1910, 65);

Ikkunsidrat;

Illi l-pretiż fatt illeċitu tal-konvenut huwa att magħmul minn kummerċjant, għaliex il-konvenut hu kummerċjant; u

kwindi dak l-att hu preżunt kummerċjali, anki jekk jikkonsisti f'fatt delittwuż, għaliex skond il-liġi kull att ta' kummerċjant hu preżunt kummerċjali jekk ma jkunx jirriżulta illi huwa estraneu għall-kummerċ; u dan mingħajr ebda distinzjoni bejn kuntratt riżultanti mill-miktub jew konvenzjoni verbali, kważi-kuntratt, delitt jew kważi-delitt, billi l-obligazzjonijiet kollha tal-kummerċjant, anki dawk derivanti minn fonti diversa mill-kuntratt, huma preżunti kummerċjali, "meta", kif ġa ngħad, u kif jesprimi ruħu l-leġislatur, "mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ" (art 7 Kodiċi Kummerċjali), jiġifieri meta l-kuntrarju tal-preżunta kummerċjalità konnessa għal kull obligazzjoni tal-kummerċjant ma tirriżultax mill-att stess, jiġifieri minn negozju ġuridiku in kwistjoni — mill-"quod actum est". L-oġġett tal-prova kuntrarja kwindi huwa dak li jiġi dimostrat illi, kuntrarjament għall-preżunzjoni, dak l-att speċjali hu estraneu għall-kummerċ — liema prova hija faċilissima meta si tratta ta' atti li minħabba n-natura tagħhom huma essenzjalment ċivili; tali, però — essenzjalment ċivili — ma jistgħux, kif ġa fuq ġie aċċennat, jiġu reputati d-delitti, u difatti, kif ġa ngħad, id-dizzjoni "att jew fatt ġuridiku" hija mill-aktar komprensiva, għaliex biha hu deżinjat kull att ġuridiku ta' vinkolu obligatorju, sija att kontrattwali, jew kważi-kuntrattwali, sija att illeċitu (kolpa jew dolo);

Vivante jikteb: — "Tutte le obbligazioni del commerciante, anche quelle che derivano da una fonte diversa dal contratto, devono presumersi commerciali.............. L'applicazione della regola è accolta senza contrasto ove si tratti di obbligazioni che derivano al commerciante da un quasi-contratto.............. e se trovava esistenza nella sua applicazione alle obbligazioni derivanti da quasi-delitto, ora anche questa resistenza va cessando" (Vol. I—94—178). U band'oħra :— "A torto si dice che la responsabilità per le colpe è essenzialmente civile; essa è invece inscindibilmente connessa coll'esercizio del commercio, perchè chi fa falla, chi lavora sbaglia (32-101).......... Quindi, applicando al Diritto Commerciale la dottrina comune, possiamo dire che allorquando il legisla-

tore commerciale parla di atti di commercio, senza limitarne espressamente il significato, vi comprende ogni fatto, lecito o illecito, attinente alla materia commerciale, capace di generare conseguenze giuridiche" (32-163);

Ikkunsidrat;

Illi meta l-att ma jkollux karattru spikkatament kummerċjali, allura, meta jkun hemm l-iskritt, l-indizji għall-prova tan-non-kummerċjalità għandhom jiġu rikavati minn dak l-iskritt, u meta ma hemmx l-iskritt jiġu rikavati miċ-ċirkustanzi li jkunu jakkompanjaw l-att u li l-partijiet kienu jafu jew setgħu jkunu jafu; u wkoll miċ-ċirkustanzi li jakkompanjaw l-att tiġi deżunta n-non-kummerċjalità ta' obligazzjoni naxxenti minn att kważi-delittwuż jew delittwuż, kif fil-każ preżenti, fejn iċ-ċirkustanzi juru, għall-kuntrarju, li l-att, u kwindi l-obligazzjoni minnu naxxenti, huma ta' indoli kummerċjali;

Illi, difatti, fil-każ li qiegħed jiġi diżaminat, il-fatt illeċitu delittwuż attribwit lill-konvenut hu dak li huwa ħa u seraq għad-dannu ta' l-attur kwantità ta' ramel, u ma hemmx kwistjoni li l-konvenut hu kummerċjant u li jużа ramel fl-eżerċizzju tan-negozju tiegħu. Għalhekk, jekk hu veru li hu seraq dak ir-ramel, jiġi li hu lleda l-patrimonju ta' l-attur doložament, fi kliem ieħor, ikkommetta delitt għad-dannu ta' l-attur fil-kwalità tiegħu ta' kummerċjant, għaliex ikkommettih fl-eżekuzzjoni ta' att ta' kummerċ, billi preżumibilment —u din il-preżunzjoni taħt iċ-ċirkustanzi għandha sseħħ sakemm ma jkunx hemm il-prova kuntrarja — dak ir-ramel ħadu sabiex jużah għall-kummerċ tiegħu, u kwindi l-obligazzjoni tiegħu li jirriżarċixxi lill-attur id-danni, li għandha l-oriġini tagħha minn dak id-delitt tiegħu derivanti mill-eżerċizzju tal-kummerċ, għandha tiġi kunsidrata kummerċjali;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae", bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u tordna illi l-kawża tiġi trattata fil-meritu.